

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Portugall

Inti **vittma ta' reat** jekk tkun sofrejt dannu ta' kwalunkwe tip, bħal att vjolenti jew dannu jew tkeċċija mill-proprjetà tiegħek, bħala riżultat ta' att ikklassifikat bħala reat skont il-liġi nazzjonali. Bħala vittma ta' reat, skont il-liġi għandek ċerti drittijiet qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali.

Il-proċedimenti kriminali fil-Portugall isiru f'żewġ stadji: investigazzjoni u proċess. Matul l-investigazzjoni, il-pulizija u s-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika (*Ministério Público*) jinvestigaw il-każ u jippruvaw jiġbru evidenza li tidentifika min wettaq ir-reat. Jekk ikun hemm biżżejjed evidenza biex jitqies li l-persuna suspettata wettaq ir-reat, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika jressaq il-każ quddiem il-qorti għal proċess. Il-qorti, min-naħa tagħha, teżamina l-evidenza miġbura u tiddeċiedi kif xieraq, filwaqt li tillibera jew tikkundanna lill-persuna suspettata.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt biex issib l-informazzjoni li teħtieġ

- 1 - **Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat**
- 2 - **Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess**
- 3 - **Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**
- 4 - **Kumpens**
- 5 - **Id-drittijiet tiegħi għall-appoġġ u għall-assistenza**

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fil-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni se nikseb mingħand l-awtorità wara li jkun seħħ ir-reat (pereż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku), iżda saħansitra qabel ma nirrapporta r-reat?

Mill-mument li l-ewwel tikkuntattja lill-awtoritajiet tal-pulizija kriminali jew lis-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika (*Ministério Público*), għandek id-dritt li tiġi infurmat dwar:

it-tip ta' appoġġ disponibbli għalik u min jista' jipprovdi, bħal assistenza medika, appoġġ psikoloġiku, appoġġ speċjalizzat u, fejn xieraq, kenn;

kif u fejn għandu jitressaq ilment jew jiġi rrapportat reat;

kif u taħt liema kundizzjonijiet tista' tikseb protezzjoni;

kif titlob għal għajjnuna legali u pariri;

kif u taħt liema kundizzjonijiet tista' titlob kumpens mingħand l-awtur tar-reat;

f'każijiet ta' kriminalità vjolenti jew vjolenta domestika, kif u taħt liema kundizzjonijiet tista' titlob kumpens mill-Istat;

kif tista' tibbenefika mis-servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni;

id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet li l-vittmi jridu jużaw biex jiprovdu jew jiksbu informazzjoni dwar il-każ;

kif u taħt liema kundizzjonijiet tista' tiġi rimborżat għall-ispejjeż imġarrba biex tiegħu sehem fi proċedimenti kriminali.

Din l-informazzjoni tista' tvarja skont il-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi personali tiegħek u t-tip ta' reat, u tista' tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali f'punti oħra fil-proċedimenti.

Jien ma ngħibx fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif huma mħarsa d-drittijiet tiegħi?

Jekk int resident f'pajjiż tal-UE u inti vittma ta' reat fil-Portugall u ma rrapportajtux, tista' tressaq ilment mal-awtoritajiet tal-pajjiż ta' residenza tiegħek. L-awtoritajiet fil-pajjiż ta' residenza tiegħek jgħaddu minnufih l-ilment lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn ikun twettaq ir-reat.

Jekk tgħix f'pajjiż ieħor tal-UE jew f'pajjiż mhux tal-UE, tista' tipprovi dikjarazzjonijiet għall-gejġieni, jiġifieri, dikjarazzjonijiet li jistgħu jintużaw bħala evidenza waqt il-proċess, sabiex ma jkollokx għalfejn tmur lura l-Portugall. Minkejja dan, jekk tkun meħtieġ tipprovi aktar dikjarazzjonijiet u ma tibqax fil-pajjiż fejn seħħ ir-reat, tista' tinstema' permezz tat-telefown jew tal-vidjokonferenza mill-pajjiż ta' residenza tiegħek.

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirdievi?

Minbarra l-informazzjoni indikata hawn fuq, meta tiddikjara li tixtieq tkun infurmat bid-deċiżjonijiet kollha meħuda fil-proċedimenti kriminali, int intitolat ukoll li tiġi infurmat dwar is-segwitu mogħti lill-ilment, inkluża d-deċiżjoni li l-persuna akkużata tiġi inkriminata jew li l-każ jingħalaq jew jiġi sospiż temporanjament, u l-miżuri restrittivi imposti. Int intitolat ukoll li tiġi infurmat dwar il-jum, il-ħin u l-post tal-proċess, u dwar is-sentenza.

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni libera jew ta' traduzzjoni (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lill-awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Iva. Jekk m'intix profiċjenti fil-lingwa u jkollok tiegħu sehem f'att proċedurali, int intitolat li tiġi assenjat, fuq talba tal-awtorità responsabbli għal tali att proċedurali, interpretu li jifhem il-Portugiż u l-lingwa li titkellem.

Il-ħatra ta' interpretu hija bla ħlas.

Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li jien qed niġi mifhum (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabbiltà)?

Wara li tingħata d-dokument standard (li jindika d-drittijiet u d-dmirijiet tiegħek bħala l-vittma), tingħata spjegazzjoni ċara u li tintiehem, adattata għall-karatteristiċi individwali tiegħek (kulturali, intellettuali, eċċ.), dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħek, li tindika, pereżempju, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ dwar il-ħatra ta' interpretu jekk ma tkunx profiċjenti jew ma tifhimx il-lingwa Portugiża jew fejn għandek ħtiġijiet oħra ta' komunikazzjoni minħabba diżabbiltà jew inkapaċità.

Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

Min jipprovdi l-appoġġ għall-vittmi?

L-awtoritajiet tal-pulizija kriminali, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika, u d-diversi faċilitajiet ta' appoġġ għall-vittmi.

Il-pulizija jirreferuni awtomatikament għall-appoġġ għall-vittmi?

Inti se tiġi infurmat dwar il-faċilitajiet ta' appoġġ li huma disponibbli għalik sabiex tkun tista' tagħmel użu minnhom jekk tixtieq tagħmel dan.

Jekk inti vittma ta' vjolenza domestika, inti tiġi infurmat bid-dritt tiegħek għal assistenza minn faċilità speċjalizzata fl-appoġġ tal-vittmi ta' vjolenza domestika. Wara li taqbel li tirċievi assistenza speċjalizzata minn faċilità ta' appoġġ fiż-żona ta' residenza tiegħek (jew xogħol, jew qasam ieħor), l-awtoritajiet tal-pulizija kriminali jikkuntattjaw lill-faċilità msemmija.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Inti se tiġi pprovdut b'livell xieraq ta' protezzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza u l-protezzjoni tal-privatezza tiegħek, fejn l-awtoritajiet kompetenti jemmnu li hemm theddida serja ta' tpatija u rivittimizzazzjoni jew indikazzjonijiet qawwija li l-privatezza tiegħek tista' tiġi intruża. Għal dan l-għan, tingħata attenzjoni biex jiġi evitat kuntatt bejnek, il-familja tiegħek u l-persuna/i suspettata/i jew akkużata/i fil-postijiet kollha fejn ikunu preżenti matul il-proċedimenti, b'mod partikolari fil-bini tal-qorti. Int intitolat li tinstema' f'ambjent informali u privat u tista' tinstema' permezz ta' vidjokonferenza.

Għandi nrrapporta reat qabel inkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ għall-vittmi?

Le. Tista' tuża servizz ta' appoġġ għall-vittmi irrispettivament minn jekk ippreżentajt rapport jew ilment.

Protezzjoni personali jekk ninsab fil-periklu

X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?

Il-protezzjoni u s-sikurezza tiegħek huma żgurati bl-impożizzjoni ta' miżura ta' restrizzjoni waħda jew aktar fuq il-persuna akkużata. Miżura ta' restrizzjoni hija restrizzjoni fuq il-libertà tal-persuna akkużata, li tista' tiġi imposta matul proċedimenti kriminali meta jkun hemm riskju li l-akkużat jaħrab, riskju fil-għir u l-preservazzjoni tal-evidenza tar-reat, periklu għall-ordni pubbliku u/jew riskju ta' attività kriminali kontinwa.

L-applikazzjoni tal-iskema speċjali ta' protezzjoni tax-xhieda, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tiegħek bħala l-vittma u tal-familja tiegħek kontra atti ta' ritallizzjoni, intimidazzjoni jew attività kriminali ulterjuri, inklużi atti li jistgħu jipperikolaw haġtek, l-integrità fiżika u l-benesseri emozzjonali u psikoloġiku, u d-dinjità tiegħek meta tixhed.

Min jista' joffrili protezzjoni?

L-awtoritajiet tal-pulizija kriminali, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika, u l-qorti.

Hemm xi ħadd biex jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk inieq f'riskju ta' aktar dannu mit-trażgressur?

Il-każ tiegħek jiġi vvalutat, skont l-istadju tal-proċedimenti, mill-awtoritajiet tal-pulizija kriminali, mis-Servizz tal-Prosekutur Pubbliku jew mill-Qorti.

Hemm xi ħadd biex jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk inieq f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Iva, kif issemma qabel, u filwaqt li jitqies l-istadju tal-proċedimenti, fejn l-awtoritajiet jemmnu li hemm theddida serja jew indikazzjonijiet qawwija li s-sikurezza u l-privatezza tiegħek jistgħu jkunu serjament u deliberatament f'riskju, int, kif ukoll familtekk jew persuni oħra qrib tiegħek, se tingħata(w) livell xieraq ta' protezzjoni.

X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

Il-vittmi jiġu interrogati malajr kemm jista' jkun u f'post fejn iħossuhom komdi. Meta l-vittmi jkollhom jinstemgħu aktar minn darba, l-interrogatorji jsiru, jekk il-vittma tkun tixtieq dan, mill-istess persuna;

Tingħata attenzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe kuntatt mal-persuna akkużata u, pereżempju, għall-fini li tingħata evidenza, se jintużaw il-faċilitajiet teknoloġiċi xierqa, b'mod partikolari l-vidjokonferenzi jew it-telekonferenzi;

Jintużaw dikjarazzjonijiet għall-gejjeni;

F'każijiet li jinvolvu vittmi ta' vjolenza sesswali, vjolenza abbażi tal-ġeneru jew vjolenza minn sieħeb intimu, l-intervisti jsiru minn persuna tal-istess sess bħall-vittma, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk, sakemm ma jitmexxew minn imħallef jew maġistrat;

Il-Qorti tista' tordna smiġh magħluq.

Jiena minorenni - għandi drittijiet speċjali?

Irrispettivament mir-reat imwettaq kontrik, bħala minorenni inti titqies bħala vittma partikolarment vulnerabbli.

Minbarra d-drittijiet li japplikaw għal vittmi partikolarment vulnerabbli, it-tfal li huma vittmi dejjem ikunu akkumpanjati minn rappreżentant legali jew, fil-każ ta' kunflitt ta' interessi mar-rappreżentanti legali tagħhom, minn avukat. Dejjem se tinstema' f'ambjent informali, u tista' tkun akkumpanjat(a) ukoll minn haċċiem ta' appoġġ għall-vittmi u/jew psikologu.

Il-membri tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat - x'inhuma drittijiet?

F'każ ta' mewt, id-dritt għal kumpens jiġi estiż għal dawk il-persuni li, skont il-liġi ċivili, jingħataw id-dritt għall-manteniment u għal dawk li għexu f'koabitazzjoni mal-vittma, u jistgħu jkunu intitolati wkoll għal kumpens bil-quddiem mill-Istat.

Il-membri tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat - x'inhuma drittijiet?

Il-vittmi u l-familji tagħhom għandhom id-dritt għall-protezzjoni minn ritallizzjoni, intimidazzjoni jew attività kriminali ulterjuri kontrihom. Għandek id-dritt li tkun protett minn atti li jistgħu jipperikolaw haġtek, l-integrità fiżika tiegħek, il-benesseri emozzjonali u psikoloġiku tiegħek, u d-dinjità tiegħek meta tixhed. Fejn l-awtoritajiet jemmnu li hemm theddida serja jew indikazzjonijiet qawwija li s-sikurezza u l-privatezza tiegħek jistgħu jkunu serjament u deliberatament f'riskju, int, kif ukoll familtekk jew persuni oħra qrib tiegħek, se tingħata(w) livell xieraq ta' protezzjoni.

Jista' jkollni aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Se nkun sikur waqt il-medjazzjoni?

Iva. F'każijiet li jinvolvu reati minuri jew inqas serji, bħal, fost l-oħrajn, theddid, danni minuri, u attakki, il-liġi tipprevedi riżoluzzjoni permezz ta' medjazzjoni bejn il-vittma u l-persuna akkużata, dment li l-persuna akkużata tkun diġà rrikonoxxiet ir-reat.

Għaldaqstant, fl-istadju tal-investigazzjoni, il-Prosekutur Pubbliku jista', fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-vittma u tal-persuna akkużata, jirrinviya l-każ għall-medjazzjoni, billi jinfurmahom b'tali rinviyu u li se jiġu kkuntattjati minn medjatur.

Il-medjazzjoni hija bla ħlas, kunfidenzjali u volontarja, jiġifieri, tipparteċipa biss jekk tixtieq u tista' tirtira fi kwalunkwe ħin.

Jekk ma tistax tasal għal ftehim, ikompli l-proċedimenti kriminali.

Fejn nista' nsib il-liġi li tiddikjara d-drittijiet tiegħi?

Fuq: https://www.pgdlisboa.pt/leis/lei_main.php

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

Kif għandi nrrapporta reat?

Tista' tirrapporta reat jew tressaq ilment ma' kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:

[Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika \(Ministério Público — MP\)](#)

[Pulizija Kriminali \(Polícia Judiciária - PJ\)](#)

[Pulizija tas-Sigurtà Pubblika \(\(Polícia de Segurança Pública - PSP\)](#)

[Gwardja Repubblikana Nazzjonali \(Guarda Nacional Republicana - GNR\)](#)

Tista' tuża wkoll dan li ġej:

[Portal Elettroniku tal-Ilmenti tal-Ministeru tal-Amministrazzjoni Interna](#)

[Rapport anonimu](#)

NOTA: Dawn l-awtoritajiet kollha għandhom id-dmir li jirċievu l-ilmenti u r-rapporti kollha ppreżentati lilhom, anki jekk ir-reat ma jkunx twettaq fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħhom jew, fil-każ tal-pulizija, l-investigazzjoni ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

Tista' tressaq ilment jew tirrapporta reat anke jekk ma tafx min wettaq ir-reat. L-awtoritajiet imbagħad jinvestigaw biex jippruvaw jidentifikaw it-trasgressur.

Kif nista' nsir naf x'qed jiġri dwar il-każ?

Inti intitolat, fuq talba, li tiġi infurmat dwar is-segwitu mogħti għar-rapport, inkluża d-deċiżjoni li l-persuna akkużata tiġi inkriminata jew li l-każ jingħalaq jew jiġi sospiż temporanjament. Int intitolat(a) ukoll li tiġi infurmat(a) dwar il-jum, il-ħin u l-post tal-proċess, u dwar is-sentenza.

Jien(a) intitolat(a) għall-għajnuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Iva. Jekk tixtieq tkun akkumpanjat minn avukat u m'għandekx ir-riżorsi finanzjarji biex tħallas l-ispejjeż rispettivi, int intitolat għall-għajnuna legali, li tista' tikkonsisti minn:

abolizzjoni totali jew parzjali tat-tariffi tal-qorti;

il-ħatra ta' avukat u l-ħlas ta' onorarji legali; jew

il-ħlas f'fażijiet ta' tariffi tal-qorti jew dawk legali.

Id-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna legali tittieħed mis-Sigurtà Soċjali bl-użu ta' formula ta' kalkolu li tqis l-assi, l-introjtu u l-ispejjeż tar-rikorrent. It-talba għal għajnuna legali trid titressaq permezz tal-formoli pprovduti mingħajr ħlas mis-servizzi tas-Sigurtà Soċjali u tista' tiġi ppreżentata personalment, bil-faks, bil-posta jew online, f'dan l-aħħar każ billi timentela l-[formola online](#) rispettiva.

It-talba trid tkun akkumpanjata minn evidenza dokumentata biex tikkonferma d-diffikultajiet finanzjarji tal-applikant. Deċiżjoni tittieħed fi żmien mhux aktar tard minn 30 jum. Il-preżentazzjoni tat-talba hija mingħajr ħlas.

Nista' niġib l-ispejjeż (għall-parteċipazzjoni fl-investigazzjoni jew fil-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Iva. Bħala vittma li hija xhud fil-proċedimenti, int(a) intitolat(a) għal kumpens għal ħinek, kif ukoll li tiġi rimborżat għall-ispejjeż imġarba b'riżultat ta' dan.

Il-kumpens irid jintalab bil-miktub, bl-użu tal-formola xierqa pprovduta mill-qorti.

Nista' nappella jekk il-każ tiegħi jingħalaq qabel nitla' l-qorti?

Iva. Jekk ma taqbilx mal-għeluq tal-investigazzjoni, tista' tippreżenta rikors lis-superjur ġerarkiku immedjat tal-maġistrat tas-Servizz tal-Prosekutur Pubbliku li ddeċieda li jagħlaq il-każ tiegħek, fejn titolbu jakkuża inkriminata jew ikompli l-investigazzjoni filwaqt li tindika, fil-każ tal-aħħar, evidenza ġdida li għandha tiġi kkunsidrata.

Nista' nkun involut fil-proċess?

Iva.

X'inhu r-rwol uffċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien nista' nkun jew nista' nagħżel li nkun: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?

Tista' tipparteċipa fil-proċedimenti bħala assistent, parti ċivili jew xhud.

X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?

Bħala **vittma**: inti tixhed, bħal jagħmel xhud. Dan huwa vitali għall-prova tar-reat, peress li għandek għarfien dirett ta' x'għara.

Bħala **assistent**: inti għandek rwol attiv fil-proċess billi tikkollabora mas-Servizz tal-Prosekutur Pubbliku fil-produzzjoni ta' evidenza dwar il-fatti deskritti fl-akkużi miġjuba. L-avukat tiegħek jista', pereżempju, jippreżenta evidenza, jistaqsi lill-konvenut, lix-xhieda u lill-esperti mistoqsijiet, u, fi tmiem il-proċess, jagħmel dikjarazzjonijiet tal-għeluq, jiġifieri, jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-evidenza ppreżentata u dwar jekk il-konvenut għandux jiġi kkundannat.

Bħala **parti ċivili**: inti tkun qed tiddefendi d-dritt tiegħek għal kumpens waqt il-proċess, tista' tistaqsi lill-konvenut, lix-xhieda u lill-esperti mistoqsijiet dwar aspetti tat-talba għal kumpens ippreżentata, inklużi d-danni li tkun ġarrabt.

Nista' nagħmel stqarrija jew nixhed matul il-proċess? Taħt liema kundizzjonijiet?

Iva. Skont il-kundizzjonijiet indikati hawn fuq.

X'informazzjoni nirċievi matul il-proċess?

Int tiġi infurmat(a) dwar id-deċiżjonijiet li jistgħu jinfluenzaw il-kors tal-proċedimenti, il-jum, il-ħin u l-post tal-proċess, u dwar is-sentenza.

Jista' jkollni aċċess għall-fajls tal-qorti?

Iva. Bħala l-vittma, inti intitolat(a) tara l-fajl tal-każ, ħlief meta, matul l-istadju tal-investigazzjoni, il-fajls jinżammu kunfidenzjali u s-Servizzi tal-Prosekutur Pubbliku joġġezzjonaw għal tali aċċess minħabba li dan jista' jfjixkel l-investigazzjoni u/jew jaffettwa d-drittijiet tal-persuni involuti fil-proċedimenti.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra s-sentenza?

Iva. Jekk inti assistent jew parti ċivili, tista' tappella kontra s-sentenza jekk ma taqbilx magħha. Dan l-appell irid jsir permezz tal-avukat tiegħek.

L-appell irid jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum, bil-miktub, lill-qorti fejn ikun sar il-proċess. L-appell irid ikun fih ir-raġunijiet għaliex inti ma taqbilx mas-sentenza, il-valutazzjoni tal-evidenza u/jew l-applikazzjoni tar-regoli legali.

X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tinqata' s-sentenza?

Inti għandek id-dritt li tiġi infurmat dwar is-sentenza u, kif issemma qabel, skont ir-rwol li kellek fil-proċedimenti, li tappella minnha.

Jiena intitolat għal appoġġ jew protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

Is-sentenza tista' tinkludi, bħala miżura addizzjonali, id-dritt għal appoġġ jew protezzjoni speċifiċi, bħal ordnijiet ta' trażżin, li t-tul ta' żmien tagħhom jiġi ddeterminat fis-sentenza nfisha.

X'informazzjoni ningħata jekk it-trasgressur jiġi kkundannat?

Inti tiġi infurmat bis-sentenza u konsegwentement bis-sentenza imposta fuq it-trasgressur. Meta t-trasgressur jiġi kkundannat għal priġunerija, inti tiġi infurmat dwar il-ħabs fejn se tiġi skontata s-sentenza.

Se nkun infurmat jekk it-trasgressur jiġi rilaxxat (inkluż rilaxx bikri jew kondizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?

Iva. Sakemm tkun iddikjarajt ix-xewqa tiegħek li tkun infurmat(a), se tkun infurmat(a) dwar ir-rilaxx jew il-ħarba tat-trasgressur u, b'mod partikolari f'każijiet fejn it-trasgressur jitqies bħala partikolarment perikoluż, b'informazzjoni dwar l-istatus tiegħu, b'mod partikolari meta jiġu imposti miżuri restrittivi.

Inkun involut f'deċiżjonijiet dwar rilaxx jew liberta' kondizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel dikjarazzjoni jew inressaq appell?

Inti tista' tressaq rikors quddiem il-qorti tal-eżekuzzjoni (*Tribunal de Execução de Penas*), fejn tiddikjara r-raġunijiet li tqis xierqa.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

4 - Kumpens

X'inhu l-proċess biex jintalbu d-danni mingħand it-trasgressur? (pereżempju kawża fil-qorti, kawża ċivili, proċedura ta' adeżjoni)

Bħala regola, il-kumpens għandu jintalab fi proċedimenti kriminali. Għal dan l-għan, trid tinforma lill-awtoritajiet tal-pulizija kriminali jew lis-Servizz tal-Prosekutur Pubbliku, sa tmien l-istadju tal-investigazzjoni, li tixtieq tressaq talba għal kumpens, li tista' tagħmel, pereżempju, meta tipprovi d-dikjarazzjoni tiegħek. Meta tirċievi avviż tal-akkużi miġjuba kontra l-persuna akkużata, imbagħad ikollok 20 jum biex tippreżenta t-talba.

NOTA: It-talbiet ċivili għal kumpens mhumiex soġġetti għal formalitajiet speċifiċi u, fejn jintalab inqas minn EUR 5 000, inti tista' tippreżenta t-talba inti stess.

Il-Qorti ordnat lit-trasgressur iħallasni d-danni/kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallas?

Meta l-awtur tar-reat ma jħallasx volontarjament il-kumpens li jkun ġie ordnat iħallas, ikollok tagħmel rikors għal ordni ta' eżekuzzjoni, jiġifieri, titlob lill-qorti tintervjeni - tissekwestra il-proprjetà, il-kontijiet bankarji, il-vetturi jew assi oħra - sabiex tiżgura l-ħlas tal-kumpens.

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, l-Istat jista' jħallasni bil-quddiem? Taħt liema kundizzjonijiet?

Iva, fil-każ ta' reat vjolenti li kkażza tfixkil sinifikanti fl-istandard tal-għajxien u fil-kwalità tal-ħajja tiegħek u t-trasgressur ma jistax iħallas il-kumpens.

Jien intitolat għal kumpens mill-Istat?

Iva, meta t-trasgressur ma jkunx jista' jħallas tali kumpens u inti vittma ta' reat vjolenti, u dment li dan ikun ikkawża tfixkil sinifikanti fl-istandard tal-għajxien u fil-kwalità tal-ħajja tiegħek.

Dawn li ġejjin huma intitolati għal kumpens mill-Istat:

vittmi ta' offiża gravi fuq il-persuna (jiġifieri li tikkawża diżabbiltà permanenti, diżabbiltà totali temporanja għal mill-inqas 30 jum, jew mewt) direttament bħala riżultat ta' att ta' vjolenza;

fil-każ tal-mewt tal-vittma, il-persuni li l-liġi tagħtihom id-dritt għall-manteniment, bħat-tfal, u dawk li jgħixu f'koabitazzjoni mal-vittma;

persuni li għenu lill-vittma jew ikkooperaw mal-awtoritajiet fil-prevenzjoni tar-reat jew fis-sejba jew fl-arrest tat-trasgressur, fir-rigward tad-danni li ġarrbu b' riżultat ta' dan.

NOTA: F'każijiet ta' reati sesswali, diżabbiltà totali permanenti jew temporanja għal mill-inqas 30 jum tista' ma tkunx rekwiżit. Din l-eċċezzjoni hija ġġustifikata mill-fatt li, għalkemm dan it-tip ta' reat, bħala regola, ma jikkawżax inkapaċità għax-xogħol għal mill-inqas 30 jum, il-kumpens għadu ġustifikat minħabba s-serjetà tar-reat.

It-talba għal-kumpens tista' tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard minn sena mid-data tar-reat jew, fil-każ ta' proċedimenti kriminali, sa mhux aktar tard minn sena wara d-deċiżjoni finali fil-proċedimenti. Il-vittmi li kienu minorenni fiż-żmien tar-reat jistgħu jressqu talba għal kumpens sa sena wara li jkunu laħqu l-età maġġuri.

Jenħtieġ li t-talbiet jiġu ppreżentati bl-użu tal-[formola online](#) disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Vittmi tal-Kriminalità (Comissão de Proteção de Víctimas de Crime).

It-tressiq ta' talba għal kumpens huwa mingħajr ħlas.

Jien intitolat għal kumpens jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat?

Eċċezzjonalment, fejn ikun involut reat serju (ara hawn fuq) u fejn it-trasgressur ma jkunx magħruf.

Meta t-trasgressur ikun ġie pproċessat u lliberat, bħala regola, m'intix intitolat għal kumpens.

Jien intitolat għal ħlas ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba għal-kumpens tiegħi?

Jekk inti vittma ta' **vjolenza domestika** int intitolat(a) li tirċievi benefiċċji fi flus mill-istat kull meta, bħala konsegwenza tar-reat, inti tkun fi bżonn finanzjarju serju.

Jenħtieġ li l-applikazzjonijiet għal ħlas ta' emerġenza jiġu ppreżentati permezz tal-[formola online](#) disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Vittmi tal-Kriminalità.

Trid tinkludi kopja tal-ilment jew tar-rapport ippreżentat lill-awtorità tal-pulizija mal-applikazzjoni. L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien sena mid-data tar-reat.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

5 - Id-drittijiet tiegħi għall-appoġġ u għall-assistenza

Jiena vittma ta' reat, lill min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u l-assistenza?

Għandek tikkuntattja kwalunkwe awtorità tal-pulizija kriminali, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika jew organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi.

Hotline għall-appoġġ tal-vittmi

116 006 - Hotline għall-Appoġġ tal-Vittmi (mid-9 a.m. sad-9 p.m.)

112 – [Numru ta' Emerġenza Nazzjonali](#)

144 – Hotline ta' Emerġenza Soċjali

[808 24 24 24](#) - SNS 24 (Hotline tal-NHS disponibbli 24 siegħa kuljum)

144 - Hotline Nazzjonali ta' Emerġenza Soċjali (disponibbli 24 siegħa kuljum)

300 502 502 — Helpline tas-Sigurtà Soċjali

Vjolenza domestika:

- **800 202 148** (disponibbli 24 siegħa kuljum)

- **3060** – Helpline għall-SMS

Tfal:

116 111 – SOS Helpline għat-Tfal

L-appoġġ għall-vittmi huwa mingħajr ħlas?

Iva. Il-vittmi huma intitolati għal servizzi ta' appoġġ kunfidenzjali u mingħajr ħlas qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mis-servizzi jew mill-awtoritajiet tal-Istat?

Appoġġ mediku, appoġġ psikoloġiku u soċjali, protezzjoni, informazzjoni legali, akkomodazzjoni ta' emerġenza, kenn.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi minn organizzazzjonijiet mhux governattivi?

Appoġġ emozzjonali, appoġġ psikoloġiku, informazzjoni legali, riferiment soċjali, u assistenza fi kwistjonijiet prattiċi.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.